**It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2006**

**P6_TA(2006)0473**

## L-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jimmodifika r-Regolament (KE) nru 104/2000 tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura (COM(2006)0233 — C6-0202/2006 — 2006/0081(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0233) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0202/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0311/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**P6_TA(2006)0474**

## Emenda għall-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' emenda għall-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (COM(2006)0338 — C6-0276/2006 — 2006/0113(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0338) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 175(1) u 300(2), l-ewwel subparagrafu tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0276/2006),

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.